# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-11 ta' Jannar 2023

**Rikors Numru : 455/2021 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**VA**

**Vs**

**PA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' VA datat l-1 t'Ottubru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewget fl-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u disgihn (1990) (Dok A), u minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;*

2. *Illi l-partijiet ilhom sseparati mit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u erbgha u dighsin (1994) permezz ta' kuntratt in atti Dr John Patrick Hayman (Dok B);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzoni bejniethom peress illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;*

5. *Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

a) *Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-ghaxra (10) ta; Novembru tas-sena elf disgha mija u disghin (1990) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;*

b) *Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u*

c) *Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ppresenta ebda risposta izda deher mhux assistit ghas-seduta mhejjija nhar is-16 ta' Novembru 2022, fejn il-Qorti spjegatlu id-drittijiet legali tieghu izda hu ddikjara li ma kienx jehtieg assistenza legali u ma kellux oggezzjoni ghad-divorzju (vide fol 22);

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 22);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**VA xehdet** (vide affidavit fol 8) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-10 ta' Novembru 1990 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat ta' 3 ta' Novembru 1994, fl-atti tan-Nutar Dr John Patrick Hayman. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm obbligu

reciproku ta' manteniment bejn il-partijiet.

**PA xehed** (vide xhieda fol 23) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Novembru 1990, liema zwieg jgib certifikat numru 2113/1990 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A, fol 2). Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr John Patrick Hayman nhar **it-3 ta' Novembru 1994** (vide fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2113/1990 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**